# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**President**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 11 ta' Marzu, 2024.**

**Numru 4**

**Rikors numru 949/09/3 JVC**

**Nazzareno u Carmen konjuġi Zahra**

**v.**

**Emanuel Zahra li b'digriet tat-2 ta' Mejju 2019 ġie mgħajjat fil-kawża l-Uffiċċju Konġunt**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-Rikors imressaq mill-atturi appellati Nazzareno u Carmen miżżewġin Zahra (minn issa 'l hemm imsejħin "ir-rikorrenti") fit-12 ta' April, 2023, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, talbu lil din il-Qorti tħassar is-sentenza mogħtija minnha fit-12 ta' Jannar, 2023, fil-kawża fl-ismijiet

premessi (minn issa 'l hemm imsejħa "s-sentenza attakkata") u terġa' tisma' l-appell imressaq mill-intimat appellant Emanuel Zahra (minn issa 'l hemm imsejjaħ "ir-ritrattat") minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-29 ta' Marzu, 2022, għall-finijiet tal-Artikolu 811(l) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Kemm l-intimat ritrattat u kif ukoll l-imsejjaħ fil-kawża Uffiċċju Konġunt wieġbu, rispettivament fl-4 ta' Mejju 2023 u t-3 ta' Mejju 2023 biex jgħidu li s-sentenza attakkata hija tajba u jistħoqqilha tkun konfermata u li din il-Qorti jmissha tiċħad it-talba tar-rikorrenti għat-tħassir tagħha u għas-smigħ mill-ġdid tal-appell imressaq mill-intimat ritrattat;

3. Rat l-atti tal-kawża fl-ismijiet premessi maqtugħa minn din il-Qorti fit-12 ta' Jannar, 2023;

4. Semgħet id-dikjarazzjoni magħmula mill-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ tal-11 ta' Jannar, 2024, li bih qalu li kienu joqogħdu fuq dak li hemm fl-atti tal-kawża u f'liema data ħalliet ir-Rikors għal-lum għas-sentenza *in rescindente*;

***Ikkunsidrat:***

5. Illi dan huwa rikors għar-ritrattazzjoni tas-sentenza attakkata mogħtija minn din il-Qorti diversament komposta li permezz tagħha, u

għar-raġunijiet hemm imfissra, laqgħet l-appell tal-intimat ritrattat mis-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-29 ta' Marzu, 2022, li kienet laqgħet talba tar-rikorrenti biex tordna l-iżgumbrament tar-ritrattat minn għalqa fil-limiti ta' Ħal Għaxaq li huma jgħidu li kien qiegħed iżomm bla ma kellu titolu li jiswa fil-liġi. Is-sentenza attakkata laqgħet l-appell tar-ritrattat għaliex sabet li r-rikorrenti ma kienx seħħilhom jagħmlu prova tajba tal-pretensjoni tagħhom li kienet seħħet ċessjoni tal-qbiela favur l-awturi tagħhom fit-titolu u li, b'hekk, ir-ritrattat ma kellu l-ebda titolu fuq l-għalqa mertu tal-każ li kellu f'idejh;

6. Illi r-rikorrenti jħossu li hemm lok għar-ritrattazzjoni tal-imsemmi appell fuq is-saħħa ta' dak maħsub fil-paragrafu (l) tal-Artikolu 811 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Ir-rikorrenti jgħidu li l-iżball li joħroġ mis-sentenza attakata jikkonsisti mill-fatt li, fis-sentenza attakkata, din il-Qorti "sfuġġielha l-fatt" li l-Uffiċċju Konġunt, imsejjaħ fil-kawża, kien aċċetta lir-rikorrent ritrattand bħala l-gabillott tal-għalqa mertu tal-każ u kien saħansitra laqa' l-ħlas tal-kera mingħandu;

7. Illi biex is-sentenza tal-lum tinftiehem aħjar, il-Qorti jidhrilha xieraq li ġġib il-parti rilevanti tas-sentenza attakkata li, fil-partijiet rilevanti tagħha għal din il-proċedura, tgħid hekk:

> *"It-tieni aggravju jgħid hekk:*

*"Il-ktieb tal-qbiela*

*L-ewwel qorti għamlet enfasi bħala l-pern tal-risoluzzjoni tal-problema r-riċevuta. Qed issir referenza għad-dokument X a fol. 38 tal-proċess minn fejn jirriżulta li l-kera għas-snin 1982, 1983 u 1984 tħallset direttament minn Carmelo Zahra. Din ir-riċevuta ħarġet fl-20 ta' Lulju 1982. Franġisku kien għadu ħaj kif jirriżulta mill-istess sentenza għaliex hu effettivament miet xi ħmistax-il sena wara li kien miet Carmelo Zahra. Carmelo Zahra kien miet fl-14 ta' Ġunju 1984.*

*L-esponenti juża anzi l-argument tal-ktieb tal-qbiela bħala prova tal-qerq li sar l-ewwel fil-konfront tal-Knisja imbagħad fil-konfront tal-Joint Office. Eventwalment peress li l-Joint Office irrikonoxxa t-trasferiment mingħand l-omm għal għand l-attur Nazzareno Zahra, din ir-riċevuta ħadet rilevanza kbira.*

*Meta wieħed jaqra dik l-istess irċevuta li l-qorti tat tant importanza fuqha jingħad "Carmel Zahra, ħu Franġisku ħallas tmintax-il lira ta' qbiela … … …". Ma jfissirx li kien qiegħed isir rikonoxximent min-naħa ta' Dun Karm Camilleri għall-Arċipriet illi flok Franġisku Zahra kien qed jirrikonoxxi lil Carmel Zahra.*

*Huwa risaput li ċ-ċessjoni tad-drittijiet issir bil-kitba u ma ġiet allegata l-ebda kitba ta' ċessjoni li saret minn Franġisku għal Carmel Zahra. Iċ-ċessjoni tad-drittijiet teħtieġ il-kitba u r-rikonoxximent ma jistax ikun bilmod kif hemm miktub fl-irċevuta tal-20 ta' Lulju 1982.*

*Tinġibed l-attenzjoni, jekk hemm bżonn, għall-artikolu 1470 tal-Kodiċi Ċivili, fejn jagħmilha tassattiva li kull ċessjoni jew assenjazzjoni trid issir bil-kitba.*

*Umbagħad dwar il-kitba privata jitkellem l-artiklu 1233 tal-Kodiċi Ċivili u jelenka x'inhuma r-rekwiżiti.*

*Minn dan ma kien hemm xejn."*

*12. L-atturi wieġbu illi t-titolu tagħhom jirriżulta mill-kitba tal-10 ta' Jannar 2004[1]1 li biha Carmela Zahra, armla ta' Carmelo u omm l-attur Nazzareno u l-konvenut Emanuel, ċediet il-qbiela favur l-attur. Igħidu illi l-Uffiċċju Konġunt, bħala sid-il-kera, għaraf din iċ-ċessjoni billi fl-14 ta' Frar 2005 ħareġ riċevuta[2] ta' ħlas favur l-attur Nazzareno.*

*13. Il-konvenut iżda ma huwiex jimpunja ċ-ċessjoni minn Carmela Zahra lill-attur; li qiegħed jimpunja huwa t-trasferiment tal-qbiela minn Franġisku Zahra lil Carmelo Zahra, żewġ Carmela u missier l-attur u l-konvenut. L-atturi jgħidu illi Carmela wirtet il-qbiela minn żewġha Carmelo wara li dan miet fl-14 ta' Ġunju 1984, iżda jekk Carmelo ma kisibx il-qbiela tassew mingħand Franġisku, ma kellu ebda titolu li*

[1] *Fol 35 et seq*
[2] *Fol 4*

*seta' jintiret mill-armla u din konsegwentement ma kellha ebda titolu x'iċċedi lill-attur.*

*14. Ma jidhirx illi huwa kontestat illi l-kiri oriġinalment kien lil Franġisku Zahra. L-ewwel riċevuta li tidher fuq il-ktieb tar-riċevuti[3] hija tal-1 ta' Settembru 1963 u ħarġet fuq isem Franġisku. L-aħħar riċevuta fuq isem Franġisku hija tal-5 ta' Ottubru 1980; warajha hemm dik tal-20 ta' Lulju 1982 maħruġa fuq isem "Carmel Zahra, ħu Franġisk". Ir-riċevuta ta' wara hija dik tad-9 ta' Settembru 1985. Oriġinalment din inħarġet fuq isem "Carmel Zahra, ħu Franġisk" iżda l-isem "Carmel" tħassar u floku tniżżel "Carmela", biex issa r-riċevuta taqra "Carmela ~~Carmel~~ Zahra ħu Franġisku ħallas … … …". Ir-riċevuta ta' wara – l-aħħar waħda fuq il-ktieb – hija tas-17 ta' Settembru 1985 u nħarġet fuq Carmela. Hemm ukoll notament illi Carmelo miet fl-14 ta' Ġunju 1984 u l-ħlas qiegħed isir minn martu bħala l-werrieta.*

*15. Mir-riċevuta tal-20 ta' Lulju 1982 – dik fuq "Carmel Zahra, ħu Franġisk" – l-ewwel qorti ikkonkludiet illi l-qbiela "tħallset direttament minn Carmelo Zahra f'ismu proprju u mhux bħall-ħlasijiet preċedenti fejn il-ħlas jidher li sar minn Franġisk Zahra".*

*16. Dan ir-raġunament fil-fehma tal-qorti huwa x'aktarx dgħajjef u mhux neċessarjament konklużiv. Tassew illi, li kieku Carmelo kien qiegħed iħallas f'isem ħuh Franġisku, fuq ir-riċevuta ma kellux jitniżżel "Carmel Zahra, ħu Franġisk" iżda "Carmel Zahra f'isem Franġisk" iżda r-riċevuta, għalkemm inħarġet minn bniedem istruwit, ma saritx minn professjonist legali. Xi raġuni kien hemm għala ssemma Franġisk fuq ir-riċevuta u wkoll fuq dik ta' warajha. Normalment parti fuq kuntratt tiġi identifikata bħala Tizju bin Sempronju u mhux bħala Tizju ħu Ġulju.*

*17. Barra minn hekk, u aktar gravi, kif sewwa igħid il-konvenut appellant, ma hemm ebda kitba ta' ċessjoni – kif irid ad validitatem l-art. 1470(1) tal-Kodiċi Ċivili – li turi li t-titolu għadda minn Franġisku lil Carmelo. Tassew ukoll illi fir-riċevuta tad-9 ta' Settembru 1985 jingħad illi l-ħlas qiegħed isir minn Carmela bħala werrieta ta' Carmelo u mhux bħala mandatarja ta' Franġisku, iżda xorta tibqa' l-kwistjoni jekk Carmelo tassew kellux titolu li setgħet tiret l-armla. Mhux għalkollox irrelevanti illi dik ir-riċevuta ma nkitbitx mill-amministratur tas-soltu iżda minn ħaddieħor "għall-amministratur", u għalhekk min ħareġ ir-riċevuta mhux neċessarjament ikun jaf sewwasew is-sitwazzjoni x'inhi.*

*18. F'dawn iċ-ċirkostanzi, meta l-allegazzjoni ta' ċessjoni hija msejsa biss fuq riċevuta ta' tifsira dubbjuża u, aktar u aktar, fin-nuqqas tal-kitba li jrid l-art. 1470(1), il-qorti ma tarax illi saret prova tat-trasferiment tat-titolu minn Franġisku lil ħuh Carmelo, u għalhekk jaqa'*

[3] *Fol. 35*

*l-pedament li fuqu jistrieħu t-trasferimenti sussegwenti minn Carmelo lil Carmela, u minn Carmela lill-attur Nazzareno.*

*19. L-atturi ma humiex jippretendu li għandhom titolu ta' kiri ġdid direttament mis-sid lilhom: li qegħdin jippretendu hu li t-titolu li kellu Franġisku għadda lil Carmelo, imbagħad minn Carmelo lil Carmela, u fl-aħħar minn Carmela lill-attur. Għar-raġunijiet mogħtija fuq – partikolarment għax ma hemmx prova tajba u biżżejjed taċ-ċessjoni tal-qbiela minn Franġisku lil Carmelo – lill-atturi ma seħħilhomx jagħmlu prova ta' din il-pretensjoni tagħhom.*

*20. L-aggravju għalhekk għandu jintlaqa'. Billi dan hu biżżejjed biex jintlaqa' lappell, ma jibqax meħtieġ li nqisu l-aggravji l-oħra tal-konvenut appellant."*

***Ikkunsidrat:***

8. Illi, kif ingħad qabel, ir-rikorrenti jsejsu t-talba tagħhom għat-tħassir tas-senteza attakkata u għat-trattazzjoni mill-ġdid tal-appell tal-intimat ritrattat fuq l-"iżball" imwettaq minn din il-Qorti li ma qisitx l-għarfien tat-titolu ta' qbiela magħmul mill-imsejjaħ fil-kawża Uffiċċju Konġunt favur l-awtur fit-titolu tar-rikorrent ritrattand;

9. Għal din it-talba, ir-ritrattat iwieġeb billi jgħid li mhijiex mogħtija ritrattazzjoni fil-każ tal-lum għaliex il-"fatt" li dwaru jitkellmu r-rikorrenti kien sewwasew deċiż fis-sentenza attakkata u jisħaq li, qabel ma tat is-sentenza attakkata, din il-Qorti "rat il-fatti kollha u għarblithom u waslet għad-deċiżjoni tagħha";

10. Min-naħa tiegħu, l-Uffiċċju Konġunt imsejjaħ fil-kawża laqa' għat-talba tar-rikorrenti billi saħaq li ma jikkonkorrux iċ-ċirkostanzi li jwasslu għat-tħassir tas-sentenza attakkata. B'mod partikolari, jgħid li ma jirriżultax li kien hemm xi fatt li l-verità tiegħu ġiet stabbilita bla ebda dubju, jew li kien hemm xi fatt li ma jeżistix li l-verità tiegħu ġiet stabbilita pożittivament, u għalhekk "il-punt li abbażi tiegħu sar ir-ritrattazzjoni ma jaqa' taħt ebda wieħed mill-iżbalji msemmija f'Artikolu 811(l)";

11. Għal dak li jirrigwarda t-talba nnifisha tar-rikorrenti biex din il-Qorti tqis jekk hemmx tassew raġuni tajba biex tħassar is-sentenza attakkata, ingħad bosta drabi f'każijiet fejn jintalab it-tħassir ta' sentenza li ttemm kwistjoni u s-smigħ mill-ġdid tal-każ, ir-ritrattazzjoni hija rimedju straordinarju mħolli li jsir biss fil-każijiet stabiliti fil-liġi liema ċirkostanzi huma tassattivi u għandhom jingħataw tifsira ristretta u bla tiġbid jew analoġija[4];

12. Sadattant, ix-xogħol ta' din il-Qorti, sakemm tkun għadha qiegħda tqis jekk jeżistux raġunijiet tajbin biżżejjed biex tħassar is-sentenza attakkata, huwa dak li tara biss jekk kemm-il darba tirriżultax imqar waħda miċ-ċirkostanzi proċedurali maħsubin fl-Artikolu 811 tal-Kodiċi Proċedurali. Fl-istadju *in rescindente* din il-Qorti m'għandhiex tgħarbel

[4] App. Ċiv. **12.3.2019** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Spiteri et v. Direttur Ġenerali tas-Saħħa Pubblika et***

mill-ġdid dwar jekk hi taqbilx jew le mal-mod kif il-Qorti tkun waslet għall-fehmiet tagħha fis-sentenza attakkata;

13. Illi dan kollu jinġabar taħt ir-regola li huwa mixtieq u meħtieġ li jkun hemm iċ-ċertezza tad-dritt u fejn kawża tkun inqatgħet b'sentenza li tkun għaddiet f'ġudikat din m'għandhiex titwaqqa' kif ġieb u laħaq, imma biss għal raġunijiet serji u gravi[5]. Dan kollu mbagħad jissejjes fuq il-massima li *res judicata pro veritate habetur*;[6]

14. Illi huwa wkoll prinċipju aċċettat li l-proċess ta' ritrattazzjoni ma jservix bħala t-tieni appell, b'mod li, taħt l-iskuża ta' xi nuqqas proċedurali, il-Qorti tkun mistiedna biex terġa' twettaq eżerċizzju ta' ri-eżami li, fil-fatt, ma jkun xejn aktar minn skrutinju mill-ġdid tal-konsiderazzjonijiet diġà magħmulin mill-Qorti fis-sentenza li tagħha jintalab it-tħassir u s-smigħ mill-ġdid. Dan jgħodd għal kull waħda mill-kawżali maħsubin fl-Artikolu 811 tal-Kodiċi Proċedurali[7];

15. Illi sa fejn it-**talba tar-rikorrenti tinbena fuq l-iżball li joħroġ mill-atti (Art. 811(l) tal-Kap 12)**, il-liġi titkellem b'mod ċar dwar liema żball irid ikun biex iwassal ħalli sentenza tista' titħassar. Tali żball irid joħroġ mis-

[5] App. Ċiv. **7.3.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Causon v. Portelli noe et*** (Kollez. Vol: **LXXX.ii.464**)
[6] App. Ċiv. **5.7.2016** fil-kawża fl-ismijiet ***Annunziata Farrugia vs Crocefisso Gauci et***
[7] App. Inf. PS **20.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Catherine Caruana et. V. Anna Schembri et***

sentenza nnifisha[8] u jkun jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża u dan biss fil-każ li d-deċiżjoni tkun imsejsa fuq is-suppożizzjoni ta' xi fatt li l-verità tiegħu tkun eskluża għal kollox jew fuq is-suppożizzjoni li l-fatt ma jeżistix. F'kull każ, il-fatt ma jridx ikun punt kontestat li jkun ġie deċiż bis-sentenza;

16. Illi, minbarra dan, l-iżball li għalih tirreferi din id-dispożizzjoni jrid ikun wieħed ta' fatt. Kemm hu hekk, dan huwa li jagħraf smigħ mill-ġdid ta' kawża fuq din id-dispożizzjoni minn smigħ mill-ġdid ta' kawża taħt il-paragrafu (e) tal-Artikolu 811[9], li jirreferi għal żball ta' liġi. Għal dan il-għan, l-iżball ta' fatt li jagħti lok għar-ritrattazzjoni jrid ikun wieħed materjali, manifest u jirriżulta mill-atti nfushom, għaliex mhux imħolli li jitressqu provi biex jippruvaw tali żball[10]. Minbarra dan, l-iżball ma jridx ikun relattiv għall-kriterji jew karattri li bihom il-fatt ikun ġie jew seta' ġie mifhum mill-ġudikant li ta s-sentenza li qiegħed jintalab it-tħassir tagħha, għaliex dan mhuwiex żball li joħroġ mill-atti imma fis-sewwa konvinċiment insindakabbli tal-ġudikant[11];

---

[8] App. Ċiv. **3.4.1922** fil-kawża fl-ismijiet ***Bonnici v. Galea Naudi*** (Kollez. Vol: **XXV.i.137**)
[9] Ara App. Ċiv. **20.2.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Dalli v. Sarè*** (Kollez. Vol: **LXXX.ii.373**)
[10] App Ċiv. **22.1.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***John Zammit v. Michael Zammit Tabona et***; u App. Ċiv. **27.3.2020** fil-kawża fl-ismijiet ***Raymond Cini et v. Bertrand Gatt***
[11] P.A. GV **30.3.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Mary Rota noe v. Mary Camilleri et***; App. Ċiv. **26.3.2021** fil-kawża fl-ismijiet ***Middlesea Insurance p.l.c. v. Emanuel Ciantar***

17. Illi, b'żieda ma' dan, l-iżball li jwassal għat-tħassir ta' sentenza u s-smigħ mill-ġdid tal-kawża jrid ikun iddetermina d-deċiżjoni tal-ġudikant fis-sens li kien il-fondament ewlieni tas-sentenza[12]. B'dan il-mod, ingħad li ma hemmx lok għat-tħassir tas-sentenza jekk kemm-il darba din, għalkemm vizzjata minn żball ta' fatt manifest, tkun tista' tiġi mod ieħor imwieżna b'raġunijiet oħrajn indipendenti minn tali żball[13]. Fuq kollox, ma titħalliex issir ritrattazzjoni fejn il-fatt żbaljat ikun punt li ġie ikkontestat u deċiż fis-sentenza attakkata[14]. Dan jingħad għaliex, kif jgħallmu l-awturi, "*se si tratta di un punto controverso su cui la sentenza abbia pronunziato, sia pure attraverso un esame troppo superficiale e con giudizio patentemente erroneo, non si possa battere la via di questo rimedio straordinario per riaprire la trattazione del processo*"[15];

18. F'dan ir-rigward, il-Qorti mhijiex mitluba tgħid jekk l-apprezzament tal-fatt imwettaq fis-sentenza attakkata kienx wieħed tajjeb jew le. Lanqas li għandha tgħarbel jekk il-konsiderazzjonijiet fis-sentenza attakkata, li wasslu għas-suppożizzjoni tal-eżistenza jew l-assenza ta' dak il-fatt, kinux tajba jew ħżiena[16]. Lil hinn minn dan, l-iżball ma jridx imiss mal-kriterji jew karattri li bihom il-fatt ikun ġie jew seta' ġie mifhum mill-

---

[12] App. Ċiv. **28.1.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Gourmet Company Ltd. et vs Mariano Vella et*** § 8

[13] App. Ċiv. **18.6.1954** fil-kawża fl-ismijiet ***Mifsud vs Żahra*** (Kollez. Vol: **XXXVIII.i.323**)

[14] App. Ċiv. **6.12.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***M'Louise Muscat Inglott et vs Louis Manduca***

[15] L. Mortara Commentario del Codice e delle Leggi di Procedura Civile (3ª Ediz) Vol. IV, paġ. 504

[16] App. Ċiv. **31.8.2021** fil-kawża fl-ismijiet ***P.L. Joseph Żammit pro et noe vs Michael Fenech pro et noe***

ġudikant li ta s-sentenza, li qiegħed jintalab it-tħassir tagħha, għaliex dan mhuwiex żball li joħroġ mill-atti imma fis-sewwa parti mill-proċess ta' dixxerniment tal-ġudikant[17]. Għalhekk, irid jintwera li l-iżball ikun wieħed materjali ta' fatt u mhux żball ta' kriterju jew ta' interpretazzjoni;

19. Għalhekk, għall-għanijiet ta' dan is-sub-inċiż, irid «*ikun hemm prova ċara u netta fl-atti jew fid-dokumenti li għandha biss tifsira waħda u unika, ċjoè li tistabbilixxi ċertu fatt jew li teskludih, u minflok il-ġudikant bi żball u proprju għaliex ma ndunax b'tali prova, fid-dikjarazzjoni tiegħu fis-sentenza juri li ssupona l-invers ta' dak li tfisser il-prova u b'hekk mexa fuq presuppost żbaljat*»[18];

20. Illi fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet li għadhom kemm saru, il-Qorti ssib li l-pretensjonijiet tar-rikorrenti mhumiex mistħoqqa. Fl-ewwel lok, jidher li t-talba tar-rikorrenti tissejjes fuq allegazzjoni li s-sentenza attakkata teskludiha għal kollox. Meta huma jgħidu li din il-Qorti "sfuġġielha l-fatt" tal-prova tal-għarfien tat-titolu favur l-awtur tagħhom min-naħa tal-Uffiċċju Konġunt dan ma hu minnu xejn. Dak li r-rikorrenti jonqsu li jgħidu hu li dak l-għarfien ma joħroġ minn imkien aktar għajr mill-irċevuti maħruġa mit-Taqsima Amministrazzjoni tal-Kurja bejn l-1982 u l-1987 u mill-kitba privata li saret fl-10 ta' Jannar, 2004, bejn Carmela armla

[17] App. Ċiv. **26.3.2021** fil-kawża fl-ismijiet ***Josephine Camilleri et vs Joseph Camilleri***

[18] App. Ċiv. **4.10.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Mare Blu Tuna Farm Ltd vs Av. Louis Cassar Pullicino noe et***

minn Carmelo Zahra u binha Nazzareno, ir-rikorrent ritrattand. Joħroġ ċar li fis-sentenza attakkata din il-Qorti qieset sewwasew dak li jgħidu l-imsemmija riċevuti (u għalhekk, is-siwi tal-kitba msemmija), u fuq il-kunsiderazzjoni li dawk l-irċevuti ma jsarrfux f'ċessjoni miktuba kif titlob il-liġi, qieset ukoll is-siwi tal-kitba. Wieħed jista' jgħid li l-appell tar-ritrattat intlaqa' fuq is-saħħa tat-tifsira li din il-Qorti tat lil dawk l-irċevuti u, konsegwentement, għas-siwi tal-imsemmija kitba. Din il-Qorti ma ħarbilha xejn mill-fatti li kien hemm fl-atti tal-kawża: hija t-tifsira li ngħatat għal dawk il-fatti li lir-rikorrenti ritrattandi ma għoġbithomx;

21. Fit-tieni lok, għalhekk, għall-pretensjonijiet tar-rikorrenti jqum l-ostaklu tal-*proviso* tas-sub-inċiż (l) tal-Artikolu 811 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. L-iżball ta' fatt li r-rikorrenti jsemmu kien, sewwasew, punt kontestat li din il-Qorti qisitu u qatgħetu fis-sentenza attakkata. F'ċirkostanza bħal din il-liġi ma tagħtix ir-ritrattazzjoni;

22. Għalhekk il-Qorti ssib li l-kawżali li fuqha r-rikorrenti jridu t-tħassir tas-sentenza attakkata mhix mistħoqqa;

23. Illi ladarba m'hemmx raġuni tajba li għaliha s-sentenza attakkata għandha titħassar, lanqas hemm raġuni tajba biex l-appell jerġa' jinstema' mill-ġdid;

***Decide:***

24. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad it-talba tar-rikorrenti ritrattandi** miżżewġin Zahra għat-tħassir tas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fit-12 ta' Jannar, 2023, fil-kawża fl-ismijiet premessi, **bl-ispejjeż** kontra tagħhom, billi ma jirriżultawx il-kundizzjonijiet li jwasslu għat-tħassir tal-imsemmija sentenza u għas-smigħ mill-ġdid tal-appell imressaq mill-intimat ritrattat.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>President | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da